



u l-ġejjieni tal-Ewropa. Dan il-Manifest huwa wieħed mill-ewwel dokumenti li jargumentaw favur kostituzzjoni Ewropea. Il-manifest, li fil-bidu kien imsejjaħ 'Lejn Ewropa Ħielsa u Magħquda', jiddikjara li kwalunkwe rebħa fuq is-setgħat faxxisti tkun inutli jekk din twassal għal xejn iktar ħlief twaqqif ta' verżjoni oħra tas-sistema Ewropea l-antika ta' stati nazzjonijiet sovrani iżda f'alleanzi differenti biss. Dan iwassal biss għal gwerra dinjija oħra. Il-manifest ippropona l-bini ta' federazzjoni sovrannazzjonali Ewropea ta' stati, li l-għan ewlieni tagħha kellu jkun li tgħaqqad lill-istati Ewropej sal-punt li jkun impossibbli li jerġgħu jidħlu fi gwerra oħra.

## Il-Moviment Federalist

Wara li nħeles mill-primunerija f'iżolament fl-1943, il-kitbiet tiegħu serwew bħala l-programm għall-Movimento Federalista Europeo (Il-Moviment Federalist Ewropew) li huwa ħoloq fl-istess sena. Matul il-bqija tas-snin erbgħin u s-snin ħamsin, Spinelli sar proponent konvint tal-kawża Federalista għal Ewropa magħquda. Matul dan il-perjodu, hu kkritika n-nuqqas ta' progress li kien intlaħaq fit-tentattivi ta' kisba ta' integrazzjoni Ewropea. Huwa kien jemmen li l-kooperazzjoni intergovernattiva b'sovranità nazzjonali sħiħa f'organizzazzjonijiet bħall-OECD u l-Kunsill tal-Ewropa ma kinitx biżżejjed. Għal din ir-raġuni, hu kien dejjem iktar konvint dwar il-ħtieġa li jkun hemm integrazzjoni ikbar. Pereżempju, bħala konsulent politiku ta' Alcide de Gasperi, il-Prim Ministru Taljan ta' dak iż-żmien, ipperswadih jagħti spinta lit-twaqqif ta' Komunità Ewropea għad-Difiża, għad li finalment ma mrexxilux, xi ħaġa li kienet ta' diżappunt kbir għal Spinelli.

## Il-Grupp tal-Kukkudrill

Matul is-snin sittin, Spinelli kien konsulent tal-gvern u riċerkatur, stabbilixxa l-Istitut tal-Affarijiet Internazzjonali f'Ruma, u kien membru tal-Kummissjoni Ewropea mill-1970 sal-1976. Fl-1979, ġie elett bħala Membru tal-Parlament Ewropew. Bħala MPE reġa' ħataf l-okkażjoni li jipromwovi l-viżjoni Federalista tiegħu tal-Ewropa. Fl-1980, flimkien ma' MPE oħrajn b'ideoloġija federalista, waqqaf 'Il-Grupp tal-Kukkudrill', imsemmi għar-ristorant li kienu jmorru jieklu fih fi Strasburgu. Il-Grupp tal-Kukkudrill ried trattat Ewropew ġdid. Il-membri ressqu mozzjoni għall-Parlament sabiex jitwaqqaf kumitat speċjali bil-għan li jabbozza proposta

għal trattat ġdid dwar l-Unjoni Ewropea, li jkun prinċipalment kostituzzjoni tal-Ewropa.

## Il-Pjan Spinelli

Fl-14 ta' Frar 1984, il-Parlament Ewropew adotta l-proposta tiegħu b'maġġoranza assoluta u approva l-'Abbozz tat-Trattat li jwaqqaf l-Unjoni Ewropea', l-hekk imsejjaħ 'Pjan Spinelli'. Għad li l-parlamenti nazzjonali naqsu milli japprovaw it-testi tat-trattat, id-dokument ipprovda bażi għall-Att Uniku Ewropew tal-1986 li fetaħ il-konfini nazzjonali għas-suq komuni, u għat-Trattat ta' Maastricht tal-1992 li nissel l-Unjoni Ewropea. L-entużjażmu ta' Spinelli kkonvinċa lill-President Franċiż Mitterand sabiex jipromwovi l-waqfien tal-ostilità Franċiża lejn kull ħaġa oħra li mhijiex approċċ intergovernattiv għall-Ewropa. Dan ipprovda l-impetu f'għadd ta' gvernijiet Ewropej sabiex imexxu l-proċess ta' integrazzjoni Ewropea iktar 'il quddiem.



Spinelli fil-Parlament Ewropew, ftit wara li adotta l-pjan tiegħu għal Ewropa federali fl-1984.

Għad li l-ideat ambizzjużi tiegħu ma sarux kollha realtà, Altiero Spinelli ma waqafx fir-rieda tiegħu li jintlaħaq l-għan ta' gvern sovrannazzjonali Ewropew sabiex jiġu evitati iktar gwerer u sabiex il-pajjiżi ta' dan il-kontinent jissieħbu f'Ewropa magħquda. Il-ħsibijiet tiegħu ispiraw bosta bidliet fl-Unjoni Ewropea, speċjalment żidiet kbar fis-setgħat mogħtija lill-Parlament Ewropew. Barra minn hekk, il-moviment Federalist għadu jorganizza laqgħat regolari fuq il-gżira żgħira ta' Ventotene. Altiero Spinelli miet fl-1986 u l-bini ewlieni tal-Parlament Ewropew fi Brussell huwa msemmi għalih.